

Brussell, 13 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7307/26

POLCOM 99
COMER 40
DELECT 49

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1460 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.3.2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1460 final.

Mehmuż: C(2026) 1460 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2026
C(2026) 1460 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.3.2026

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Unjoni Ewropea regolarment tikkonkludi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, li fihom tagħti trattament preferenzjali lil dawk il-pajjiżi. Fost dawn il-ftehimiet hemm il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova"), li fih¹ mekkaniżmi għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor fir-rigward ta' ċerti prodotti.

Ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 ("ir-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali") jimplimenta klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Meta tali ftehimiet kummerċjali jkun fihom dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' miżuri ta' salvagwardja jew mekkaniżmi oħra għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor li ma jkunux f'konformità mar-Regolament Bilaterali ta' Salvagwardja, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi jiġu elenkati wkoll fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

Il-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova fih tali dispożizzjonijiet speċifiċi dwar mekkaniżmi li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor fir-rigward ta' ċerti prodotti. Skont l-Artikolu 147(4) tal-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova, l-UE u l-Moldova qablu li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali fil-kummerċ bilaterali tagħhom. Barra minn hekk, huma qablu dwar mekkaniżmi speċifiċi fir-rigward tal-preferenzi miftiehma:

- skont l-Artikolu 2 tal-Anness XV-E tal-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova, l-aċċess negozjat għas-suq tal-Moldova jiddependi fuq l-allinjament tagħha mal-istandards tal-produzzjoni agroalimentari tal-UE u n-nuqqas ta' allinjament jista' jwassal għas-suspensjoni tal-aċċess tagħha għas-suq; kif ukoll
- skont l-Artikolu 3 tal-Anness XV-E tal-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova, hemm qbil dwar mekkaniżmu robust li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri xierqa f'sitwazzjonijiet fejn l-importazzjonijiet minn waħda mill-partijiet jistgħu jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet ekonomiċi, soċjetali jew ambjentali serji fit-territorju tal-parti l-oħra.

Peress li dawn il-mekkaniżmi speċifiċi jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor fir-rigward ta' ċerti prodotti, dawn huma koperti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Bilaterali ta' Salvagwardja. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Anness tar-Regolament Bilaterali ta' Salvagwardja jiġi emendat kif xieraq, billi jiġu inklużi referenzi għall-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova u għad-dispożizzjonijiet tiegħu li jappartjenu għal dawk il-mekkaniżmi.

L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness ta' dak ir-Regolament.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont il-paragrafu 4 tal-Anness tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet,

¹ L-Artikoli 2 u 3 tal-Anness XV-E tal-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova.

twettqet konsultazzjoni xierqa u trasparenti. Mhija meħtieġa l-ebda konsultazzjoni addizzjonali ma' partijiet interessati jew partijiet ikkonċernati, jew tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness ta' dak ir-Regolament, bil-ħsieb li żżid entrati relatati ma' Ftehim u l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali speċifiċi jew mekkaniżmi oħra, li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz wieħed jew aktar u li mhumiex f'konformità mar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali. L-Anness tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali se jiġi emendat biex jelenka dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.3.2026

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplementa klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi², u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/287 jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra għall-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi wieħed jew aktar u msemmija fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/287 japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika li tinsab f'tali ftehimiet kummerċjali, meta tali dispożizzjonijiet ma jkunux f'konformità ma' dak ir-Regolament. Tali dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu f'ċerti ftehimiet kummerċjali huma elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.
- (2) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra³, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Moldova fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ tad-19 ta' Settembru 2025⁴ (il-Ftehim), mhuwiex elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 u fih ċerti dispożizzjonijiet dwar mekkaniżmi li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor fir-rigward ta' ċerti prodotti, li mhumiex f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/287. Konsegwentement, jenħtieġ li fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 tiġi inkluża referenza għall-Ftehim u għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu.
- (3) Skont l-Artikolu 147(4) tal-Ftehim, l-UE u l-Moldova qablu li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fil-kummerċ bilaterali tagħhom. Barra minn hekk, huma qablu dwar mekkaniżmi speċifiċi fir-rigward tal-preferenzi miftiehma:
 - skont l-Artikolu 2 tal-Anness XV-E tal-Ftehim, il-Moldova trid tallinja l-leġislazzjoni tagħha ma' leġislazzjoni speċifika tal-Unjoni sal-31 ta' Diċembru 2027. F'każ li l-Moldova tonqos milli tissodisfa dak l-obbligu, l-Unjoni tista' tissospendi l-preferenzi kollha jew parti minnhom mogħtija skont l-Artikolu 1 tal-Anness XV-E għall-prodotti rilevanti; kif ukoll

² ĠU L 53, 22.2.2019, p.1.

³ ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

⁴ ĠU L, 2025/1961, 24.9.2025

- skont l-Artikolu 3 tal-Anness XV-E tal-Ftehim, jekk jinqalgħu jew ikun hemm theddida li jinqalgħu diffikultajiet ekonomiċi, soċjetali jew ambjentali serji ta' natura settorjali jew reġjonali fl-Unjoni jew fil-Moldova, inkluż fil-każ tal-Unjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar, bħala riżultat tal-importazzjonijiet ta' prodott kopert mil-liberalizzazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 1 tal-Anness XV-E, il-parti kkonċernata tista' tiegħu miżuri ta' salvagwardja xierqa fir-rigward tal-preferenzi mogħtija skont dak l-Artikolu 1.
- (4) Peress li dawn il-mekkaniżmi speċifiċi jipprevedu l-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew trattament preferenzjali ieħor fir-rigward ta' ċerti prodotti, dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/287, li jirregola l-mekkaniżmi u l-kriterji għal tali rtirar temporanju.
- (5) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287 billi jiġu inklużi referenzi għall-Ftehim u għad-dispożizzjonijiet li jappartjenu għal dawk il-mekkaniżmi.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied mat-test fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.3.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN